MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 639/2004

**Deloitte & Touche Limited (C 16746)**

**Vs**

**Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil Zen Corporation Limited (C 32546)
U b'digriet tal-5 ta' April 2005 Dr Renzo Porsella flores gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil Zen Corporation Limited
(C 32546)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Novembru, 2004, fejn tabet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2,242), rapprezentanti servizzi ta' "accountancy" u konsulenza, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm1,073.80 skond fattura datata 31 ta' Mejju 2004 [kopja annessa

Dok. A] u (b) kwantu ghal Lm1,168.20 skond fattura datata 29 ta' Ottubru 2004 [kopja annessa Dok. B].

Bl-ispejjez, tal-prezentat ta' l-Avviz ghas-smiegh u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-data ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut noe. fejn eccepixxa:

Illi huwa ma jaf xejn dwar il-fatti tal-kawza u qabel jigbor it-taghrif mehtieg ma jistax jikkontesta t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant jirriserva li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu aktar 'l quddiem.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta li s-socjeta' attrici giet imqabbda minn persuna ta' cittadinanza Indjana bl-isem ta' Anand sabiex jigu ffurmati xi kumpaniji, wahda minn dawn bl-isem ta' Zen Corporation. Tliet kumpaniji gew iffurmati u Anand baqa' f'kuntatt mas-socjeta' attrici ghal xi zmien fis-sena 2004.

Skond Ian Fenech, impjegat mas-socjeta' attrici li hadem direttament ma' Anand, li kien joqghod fil-United Arab Emirates, l-ahhar li mar fl-ufficcju tas-socjeta' attrici kien f'Ottubru, 2004. Wara dan kien hemm xi kuntatti bit-telefon, imbaghad inqatghu kompletament.

Qabel ma beda x-xoghol Anand hallas depozitu lis-socjeta' attrici, li pero' tenut kont tal-kwantita' ta' xoghol li sar, ma kienx bizejjed biex ikopri kollox. Gew esebiti l-fatturi li jiggustifikaw l-ammont mitlub fl-Avviz.

Il-kuratur deputat Dr Renzo Porsella Flores rnexxielu jikkuntattja ma' S. S. Anand, li ddeskriva ruhu bhala *Managing Director* u *sole beneficciary* ta' Zen Corporations Limited, li rrisponda t-talbiet tal-kuratur permezz ta' fax datata 3 ta' Mejju 2006. Skond dan il-fax, Anand jirrikonoxxi li mill-ammont mitlub, ghandu jhallas biss lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm475).

Il-Qorti tirrileva illi ma tistax tiehu l-fax tat-3 ta' Mejju 2006 (fol. 61) bhala prova skond il-ligi peress, li mhijiex mehuda bil-gurament u lanqas ma hemm il-possibilita' li anand ikun soggett ghall-kontro-ezami.

Ghalhekk, il-Qorti trid toqghod fuq dak illi hemm fl-atti u cioe' x-xhieda ta' Malcolm Booker u Ian Fenech, minn liema xhieda l-Qorti hija sodisfatta illi t-talba attric timmerita' li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2,242), rapprezentanti servizzi ta' "accountancy" u konsulenza, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm1,073.80 skond fattura datata 31 ta' Mejju 2004 u (b) kwantu ghal Lm1,168.20 skond fattura datata 29 ta' Ottubru 2004.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------